leanne ellul

# l-inventarju tal-kamra l-kaħla

merlin

Din l-ewwel edizzjoni 2020

Pubblikazzjoni Merlin Publishers Ltd
42, Triq Mountbatten, il-Blata l-Bajda
www.merlinpublishers.com

Issettjar: Merlin
Stampat: Gutenberg Press, Ħal Tarxien

Copyright © Leanne Ellul 2020

Ritratt u disinn tal-qoxra: Pierre Portelli

Qari tal-provi: Dwayne Ellul

ISBN: 978999091846-5

Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni miżmuma minn Merlin Publishers Ltd.
Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jinsilef,
jerġa' jinbiegħ jew jingħata b'xejn f'xi għamla jew legatura oħra
ħlief kif inhu ppubblikat. Ma jista' jsir fih ebda tibdil. Ebda silta
minnu ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku,
elettroniku, mekkaniku, irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr
il-permess tal-awtriċi u tal-pubblikatur.

## Fuq antenata

Dil-karba antenata trid tinqala'
tfittex l-uġigħ ħa tnaqqi u tqajjem
riħ li ġej mil-Lvant sa jibqa' jistordik
u jħallik tegħreq u tmiss il-qiegħ
u meta n-nifs ikun kważi ħalliek
itellgħak fil-wiċċ u jinkik u jpattilek
kapriċċ dil-weġgħa tgħawwar fil-fina.

Ħallina mir-riħ u minn dil-lejla tfur.

*Għadna nibdew u*
*ma nafux x'qed nistennew.*

## Fuq blu

Kemm hu kbir dal-blu li wellidna?
Nistaqsik jekk hux se nkun maġenbek.
Hux se nkun imħeddla.
Hux se nkun kaħla. Jew blu.
*Jekk kaħla, missni darba.*
*Jekk blu, missni darbtejn.*
Għax naf li blu se tgħidli.

Narak tiggranfa mal-imħadda feroċi
tagħmel ħerba minna u minn dal-muskoli stirati.
*Il-lożor ma llamtajthomx.*
U trid tgħidli,
tixtieq tgħidli li l-lożor blu bħal-lejl.
Hekk biss nitqaddsu
piż fuq dal-lożor blu.
U r-riħa mrembla tiegħek tinfidni.

## Fuq dakinhar

Dakinhar iddependa minn *x*’rajt.
Minn kemm ikkapparrajtli l-lejl għajjur.
Għer il-lejl għan-nifs ikkalibrat u l-idejn sbieħ.
Għajnejk itawlu l-pawsiet fija.

Din-nagħsa ħelwa tixtieq titnikker fuq
xufftejk u jdejk u int.
Jisbaħ b’għajnejja magħluqin.
Hemm biss ġismek artab.
Miss ġismek, miss ġrajja
tingħaġen f’subgħajja sħan.

*Ejja serraħ rasek hawn*
*u ntelaq f’dakinhar minn issa.*

## Fuq erġa'

Erġa' ħudni fejn ma jilħaqlix.
Nagħti b'das-saqajn u nagħti.
Erġa' ħudni
fejn nogħdos u nilħaq
iċ-ċagħaq nistħajlu blat.
Alkiet tal-qiegħ jitħaxknu minn bejni.
Sħun illum.
Nieħu nifs mis-sema tisma'
b'wiċċek għad-dawl.
Id-dlam jostorlok jostrok kif jaqa'.

*Qisek mhux int, int.*
*Tridx nerġa' nogħdos fik?*

U bl-inkejja kollha tiegħi
bej' xufftejja ngħidlek, *ejja*.